**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

## SEDUTA NRU. 6 - IT-TNEJN, L-29 TA' NOVEMBRU 2010

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1. Is-Sinj. Cuomo tkellmet dwar l-attività tas-separazzjoni tal-iskart. Hija rringrazzjat lil kulħadd għall-għajnuna filwaqt li nnutat li kienet esperjenza ġdida li l-Kumitat seta' jitgħallem minnha billi, per eżempju, wieħed jaħseb għal kull eventwalità bħal ingwanti eċċ. Innutat ukoll li kien hemm min qas qatt issepara skart u li issa, grazzi għal din l-attività, tħajjar jagħmel dan. Kien innutat ukoll li l-attendenza tat-tfal ma kinitx kemm kien mixtieq u allura ma setgħux jilħqu kullimkien u allura kien hemm min stenna lit-tfal jiġu u ma laħħqux marru. Tajjeb li darba oħra wieħed jipprova jsib ġurnata aħjar minħabba li jidher li s-Sibtijiet it-tfal ikunu impenjati ħafna. Ġranet ta' min jikkunsidra huma ġranet ta' vaganzi mill-iskejjel.

2.2. Is-SE semma l-problema tas-Sinj. Antoinette Muscat fejn semma l-proposta li qed tressaq ta' kanal għall-ilma tax-xita. Madanakollu l-Kumitat qabel li jeħtieġ li jkun hemm rapport tekniku.

2.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Patrijiet kienu qed jitolbu €2,000 fis-sena għall-użu tal-post biex isiru l-korsijiet tal-kompjuter u attivitajiet oħra. Minħabba li s-SE ġibed l-attenzjoni li ma jistax ikun hemm rabta li tkun tfisser spiża ta' aktar minn €1,164 il-Kumitat qabel li għalissa għandu jmur għal mhux aktar minn sitt xhur u b'hekk ikun jista' jevalwa kif ikun mar u jekk ikunx il-każ li jaddatta skont il-ħtiġijiet ibbażati fuq l-esperjenza tas-sitt xhur ta' qabel. Il-Kumitat innota wkoll li ma kien hemm l-ebda post ieħor alternattiv għal dan l-iskop.

2.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-iskips bil-problema kienu ġew imċaqilqa.

2.5. Dwar il-fuljett propost is-Sur Woods ippreżenta abbozz tal-*layout* bl-isem ta' *Pebbles* filwaqt li kienu diskussi suġġerimenti għall-artikli. Dawn jistgħu jitrattaw il-ksib ta' fondi speċjali, l-attività tal-Milied, il-kiri tas-sala parrokkjali (inkluż il-programmi ippjanati għall-futur), ir-responsabbiltajiet flimkien mad-dettalji kif wieħed jista' jikkuntattja lill-membri, il-korsijiet tal-kompjuter, il-programm tax-xogħol għall-ġejjieni, ix-xogħol li qed jitwettaq u l-baġit. Is-Sur Woods se jindaga dwar prezzijiet għall-istampar filwaqt li se jkun ikkuntattjat Matthew Pullicino biex possibilment jagħmel id-disinn tal-fuljett.

## 3. L-OFFERTI GĦAX-XOGĦLIJIET TA' TRIQ L-ISKALL, TRIQ L-IŻBARK TAL-FRANĊIŻI U TRIQ IS-SIKKA

3.1. Meta kien mistoqsi s-SE informa li kien għadu ma bediex il-proċess tal-ħruġ tal-offerti tat-toroq li għalihom inkisbu fondi speċjali minħabba pressjoni ta' xogħol speċjalment fuq numru ta' offerti tal-Kunsill. Madanakollu l-proċess ta' kordinazzjoni mal-entitajiet kien inbeda diġà.

## 4. IL-BANDLI TA' TRIQ XATT IL-PALM

4.1. Il-Kumitat qabel li għandhom jinkisbu stimi biex ikunu rranġati l-bandli ta' Triq Xatt il-Palm billi jinbidlu s-sedili tal-bandli, jinbidlu l-ktajjen, jiġu rranġati passaġġi u ssir art tal-lastiku taħt il-bandli.

## 5. LAQGĦA MAL-PATRIJIET FRANĠISKANI

5.1. Minħabba l-pjanijiet għal diversi inizjattivi fil-komunità li kienu qed jiġu ppjanati, il-Kumitat qabel li għandha ssir laqgħa mal-Patrijiet f'BIĊ stess is-Sibt 4 ta' Diċembru.

## 6. ATTIVITÀ TAL-MILIED

6.1. Kien hemm qbil li għall-attività ippjanata għandu jsir tentattiv biex issir parata mill-i*Scouts* tan-Naxxar. Is-SE se jieħu ħsieb ikellimhom filwaqt l-Kumitat qabel li, jekk kemm-il darba jattendu, jipprovdilhom it-trasport. Il-ħsieb huwa li l-attività tibda fl-4:30pm.

## 7. RAPPORT FINANZJARJU

7.1. Is-SE informa li ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi rapport f'dak l-istadju għal diversi raġunijiet fosthom xogħol li kien waqa' lura minħabba n-nuqqas ta' *accountant*. Huwa se jagħmel dak kollu possibli biex ilesti rapport għal-laqgħa li jmiss.

## 8. LAQGĦA MAS-SEGRETARJU PARLAMENTARI L-ONOR JASON AZZOPARDI

8.1. Il-Kumitat iddiskuta l-bżonn tat-tisbieħ u l-irranġar ta' dik li fil-preżent hija magħrufa bħala l-*caravan site*. Kien hemm qbil li, wara li jgħaddu l-festi, għandha tintalab laqgħa mal-Onor Azzopardi biex jiġi diskuss dan is-suġġett.

## 9. INIZJATTIVI GĦAN-NEGOZJANTI LI JGĦIXU F'BIĊ

9.1. Is-Sur Woods informa li kien qiegħed isejjaħ laqgħa informali ma' negozjanti li jgħixu f'BIĊ għas-7 ta' Diċembru. Il-ħsieb huwa li jorganizza laqgħat kull xahar u jġib kelliem minn barra BIĊ. L-iskop huwa li jkunu ta' għajnuna u mezz ta' taħriġ għal dawn in-negozjanti. Dawn il-laqgħat ma kellhom jinvolvu l-ebda spejjeż.

## 10. IL-PROĠETT TAL-PJAZZA

10.1. Il-Kumitat iddiskuta l-laqgħa li kellu fl-24 ta' Novembru fis-2pm mad-Direttur fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet il-Perit Anton Camilleri dwar il-Pjazza.

10.2. Id-Direttur, permezz tal-Perit inkarigata, kien qiegħed jinforma lill-Kumitat li d-Dipartiment kien qiegħed jikkommetti li jibni l-Pjazza sas-sena 2012 filwaqt li l-proċess jibda fl-2011. Huwa xtaq jipproponi wkoll xi tibdil mill-pjanta oriġinali iżda jekk il-Kumitat ried seta' ma jagħmel l-ebda tibdil.

10.3. Il-Perit inkarigata kienet ippreżentat il-pjanta riveduta filwaqt li tat spjegazzjoni tagħha.

10.4. Meta ddiskuta d-dettalji l-Kumitat qabel li l-pjanta riveduta hija sabiħa ħafna iżda għandha tinkludi l-parkeġġ bl-istil tal-pjanta oriġinali. Kien hemm qbil ukoll li l-latrini għandhom jiċkienu.

**11. ĦWEJJEĠ OĦRA**

11.1. Is-Sinj. Vella rrimarkat li ritratt meħud meta saret l-attività tas-separazzjoni tal-iskart li deher fuq *Facebook* seta' ta l-impressjoni li kien *group photo* tal-Kumitat meta ma kienx.

11.2. Inġibdet l-attenzjoni li fi Triq Qalet Marku inqalbet ċinta aktarx bix-xita.

11.3. Inġibdet l-attenzjoni ta' nuqqas ta' kenniesa fit-toroq.

11.4. Ġew irrappurtati dwal maqtugħa fi Triq l-Iskall u Triq is-Sikka iżda s-Sinj. Cuomo dehrilha li kienu ġew irranġati u għalhekk se nindagaw.

11.5. Issemmiet mara Ġermaniża li qed tħalli l-klieb jiġġerrew u jħammġu barra. Hekk kif jinġabru d-dettalji jgħaddu għand l-amministrazzjoni għall-passi.

11.6. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-pjanta tal-*one ways* se tiġi riveduta u terġa tiġi ppreżentata mill-ġdid.

11.7. Is-SE informa li dwar il-passaġġ bejn Triq Qalet Marku u l-Magħtab kien tkellem mal-Perit David Vassallo fejn wera li mhux qed jaqbel li l-passaġġ jista' jingħalaq u jekk il-Kumitat irid li jibqa' magħluq għandu japplika għall-permessi meħtieġa.

11.8. Is-Sinj. Cuomo infurmat li qed tipprova tirranġa mal-Kunsill biex isir tiżjin tal-Milied fi Triq ix-Xambekk.

11.9. Il-Kumitat xtaq li jkollu informazzjoni mingħand Green MT dwar x'tip ta' materjal qed isibu fl-iskips, kemm-il darba jbattluhom u kemm-il darba jaħsluhom.

11.10. Wara diskussjoni qasira il-Kumitat qabel li, minkejja li kellu dritt jagħmel ikla tal-Milied bi flus il-Kumitat, se jorganizza xi ħaġa privatament fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu b'mod soċjali. Din se ssir fil-15 ta' Jannar 2011.

**12. TMIEM IL-LAQGĦA**

12.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar fil-5:30pm.

12.2. Il-laqgħa intemmet fis-7.00pm.

Mary Anne Cuomo
*Chairperson*

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
Segretarju Eżekuttiv